# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1252/2018 MH**

**Numru: 4**

**Western Co.Ltd.**

**Vs**

**Ivan Azzopardi u Daniela Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' Western Co. Ltd. fejn ġie premess u mitlub kif ġej;

> "1. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu [€16,889.85] rappreżentanti prezz ta' vettura Skoda Favorit bin-numru ta' registrazzjoni EBB272 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut pero' mhux imħallsa u dan skont skrittura privata li qed tiġi esebita bħala Dok A.
>
> 2. Illi l-konvenut ġie debitament notifikat b'ittra uffiċjali numru 190/18 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 biex iħallas iżda baqa' inadempjenti u anzi kkontesta t-talba.

3. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant is-soċjeta' attriċi titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu [€16,889.85] rappreżentanti prezz ta' vettura Skoda Favorit bin-numru ta' reġistrazzjoni EBB272 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut pero' mhux imħallsa;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu [€16,889.85].

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 190/18 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1818/18 u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ivan Azzzopardi fejn ġie eċċepiet li[1]:

"1. Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali u dana stante li l-iskrittura ffirmata mill-Intimati kienet datata 31 ta' April 2005;

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u per konsegwenza t-talbiet imressqa huma ġuridikament insostenibbli fil-konfront tal-intimat;

3. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, ir-responsabilita' għad-djun riżultanti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-esponent u l-Intimata l-oħra Daniela Camilleri ġie assunt minn Daniela Camilleri skont kuntratt ta'

[1] Folio 10

separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena datat 12 ta' Marzu 2010 fejn il-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta bejn il-partijiet;

4. Illi in ogni każ, l-ammont reklamat huwa wieħed esaġerat għaliex huwa ferm aktar mill-ammont miftiehem skont l-imsemmija skrittura;

5. Illi l-esponent u anke l-Intimata Daniela Camilleri, għamlu numru ta' pagamenti snin ilu sabiex iħallas id-dejn riżultanti mill-imsemmi ftehim;

6. Illi in ogni każ il-pretensjoni tar-rikorrenti hekk kif dedotta fil-konfront tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;

8. Għaldaqstant it-talba hekk kif dedotta fil-konfront tal-esponent għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi."

Rat ukoll illi l-konvenuta Daniela Camilleri debitament notifikata baqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat is-sentenza preliminari tagħha fejn ġiet deċiża u miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.[2]

Semgħet it-trattazzjonijiet.

---

[2] Folio 41.

Ikkunsidrat:

Illi sintetikament din hija kawża ta' debitu pendenti dovut lis-soċjeta' attriċi in kwantu għal bejgħ ta' vettura kif jidher mill-kuntratt stipulat bejn il-partijiet esebit bħala Dok A mar-rikors ġuramentat.[3] Fi żmien ta' l-akkwist tal-vettura *de quo* l-konvenuti kienu miżżewġin. Illum legalment separati.[4]

Da parti tal-konvenut Azzopardi jeċċepixxi *inter alia* li huwa m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi, ukoll li hemm djun, u dan in partikolari, li ġew assunti minn Daniela Camilleri, ukoll li l-ammont reklamat kien wieħed eseġerat anke minħabba n-numru ta' pagamenti effettwati minnhom il-konvenuti.

Ikkunsidrat:

1. **<u>Kontumaċja</u>**

Illi qabel ma l-Qorti tibda biex teżamina l-vertenza jinħtieg li għal benefiċċju tal-partijiet jiġi puntwaliżżat illi l-kontumaċja ma sservix ta' *walk over* a favur il-pretendur tal-azzjoni. Il-piż tal-*probatio* fil-kamp ċivili jibqa' inkombenti fuq il-promotur tal-azzjoni u n-nuqqas tal-konvenuta fir-risposta ġuramentata ma jsarraf xejn biex jeħles minn dan il-piż.

[3] Folio 4.
[4] Ara kuntratt relattiv a folio 70

## 2. <u>Leġittimu kontradittur.</u>

i. Il-konvenut Ivan Azzopardi jsostni illi hu mhux il-leġittimu kontradittur biex jirrispondi għal din ix-xilja.

ii. Minn dan il-lat insibu illi biex parti tkun idonea tirrispondi għal xilja jinħtieg li tkun milquta b'ċerti elementi. Għalhekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et** deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017 ingħad hekk –

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -*

*"Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex leġittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016*[5] *- "Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

*Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009*[6] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara*

[5] Rik Ġur 700/14
[6] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."*

*(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)*[7]

*Inoltre fil-każ Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deċiż fit-3 ta' Ottubru 2008*[8] *ingħad li - "Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

iii. Illi kif ingħad il-vertenza tistrieħ fuq ftehim li sar bejn l-attriċi u l-konvenuti għal bejgħ tal-vettura msemmija fir-rikors ġuramentat. Dan il-bejgħ kien kristalizżat fi ftehim bejn il-partijiet li għalih kien firmatarju wkoll Ivan Azzopardi, li għalhekk f'dak il-mument daħal f'rapport kuntrattwali u nħoloq ness ġuridiku mas-soċjeta' attriċi u dan *a prexindere* minn dak li seta' okkorra wara bejnu u bejn martu.

**Konsegwentement, u dan hu marbut ukoll mal-eċċezzjoni li se tiġi trattata daqt fir-rigward ta' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, tiċħad din l-eċċezzjoni.**

[7] (Nru 777/06) Deċiż 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[8] Cit Nru 1236/07

**3. <u>Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-konvenuti</u>.**

i. Il-konvenut Azzopardi jinsisti u jixhed[9] li huma, il-konvenuti, qua konjuġi waqqfu jħallsu d-dovut fuq il-vettura saħansitra fiż-żwieġ, għaliex Bianco għas-soċjeta' attriċi, ma kienx jagħtihom riċevuta tal-istess ħlas.

Igħid li meta sseparaw hu kien ħa fuqu l-piz tal-loan mal-BOV u Daniela assumiet il-kumplament tad-djun pendenti.

Mistoqsi min minhom kien żamm il-karozza wara s-separazzjoni, wieġeb li din kienet sofriet inċident u spiċċat *scrap.* Jaħseb li dan okkorra qabel is-separazzjoni.

Mistoqsi għala jekk mal-ħlas ma kienx jingħata riċevuta m'għaddiex biex jiddepożita l-ħlas il-Qorti, wieġeb xorta li Bianco ma riedx jagħtih receipt.

Ikkunsidrat:

ii. Illi l-konvenut biex jsaħħah din l-eċċezzjoni jistrieħ fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-parti konċernanti d-dejn tal-kommunjoni.

Il-Qorti fl-ewwel lok tara li l-kuntratt lilha esebit ma jsegwix sew b'mod numeriku (ara paġna 71). Fi kwalunkwe każ il-konvenut jidher li qed jistrieħ

[9] Folio 75d tergo.

fuq il-klawsola li taqra: *"b) Dejn ieħor gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti li jikkonsisti f'self ta' flus mingħand terzi ser tassumih unikament u esklussivament il-mara."*

Apparti għal fatt li dan il-ftehim tas-separazzjoni jibqa' *res inter alios acta* għas-soċjeta' attriċi, dak hemm stipulat jitkellem ċar u tond ta' dejn gravanti lill-kommunjoni li jikkonsisti **f'self ta' flus**. Il-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura mis-soċjeta' attriċi huwa wieħed *sui generis* u ma jitrattax ta' self ta' flus imma ta' natura ta' *hire purchase*.

iii. Bir-rispett ta' dan il-kuntratt u n-natura tiegħu ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cremona noe vs Salvatore Farrugia** deċiża mill-Prim' Awla fl-24 ta' Ottubru 1964 fejn ingħad illi:

> *'Li in relazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-bejgħ in kwistjoni sar bil-"hire purchase system", u għalhekk huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà tal-oġġett hekk mibjugħa tibqa' għand il-venditur.'*
>
> *'Li, irriżulta mill-provi li l-konvenut għadu ma ħallasx ir-rati kollha u għalhekk, billi l-proprjetà tal-washing machine għada riservata favur l-attur, il-konvenut. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo Cremona noe vs Salvatore Farrugia deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Ottubru 1964 fejn ingħad illi: 'Li in relazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-bejgħ in kwistjoni sar bil-"hire purchase system", u għalhekk huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà tal-oġġett hekk mibjugħa tibqa' għand il-venditur.'*
>
> *'Li, irriżulta mill-provi li l-konvenut għadu ma ħallasx ir-rati kollha u għalhekk, billi l-proprjetà tal-washing machine għada riservata favur l-attur, il-konvenut".*

iv. Din iċ-ċitazzjoni, għalkemm mhux direttament tiddefinixxi l-kuntratt in vertenza, apparti li terġa ssaħħah kontra l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġia deċiża, turi kemm hu *sui genersi* dan il-kuntratt li bih intrabtu l-konvenuti u huwa aljen għal dejn naxxenti minn self ta' flus.

v. Huwa ċar mill-artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li l-kuntratti jridu jiġu eżegwiti in *bona fede*. Għalhekk apparti dak li ingħad, il-kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jinċidi fuq dak ta' *hire purchase*. Huwa żbaljat il-konvenut meta jinsisti fuq xi klawsola fejn martu minnu separata assumiet fuqha d-dejn li kien pendenti fuq il-vettura. Dan ma jista' jolqot qatt il-ftehim li l-partijiet preċedentement għamlu mal-attriċi, jekk mhux bil-kunsens u bona volonta tagħha.

vi. Oltre hekk, mill-qari tal-kuntratt esebit minn imkien ma jidher li hemm xi stipulazzjoni rigwardanti l-vettura, kif jinsisti l-konvenut li d-dejn hekk marbut se tassumih martu. Wara li l-Qorti fliet ix-xhieda ta' Azzopardi, li jgħid li l-vettura kienet ġia scrap qabel is-separazzjoni, allura jagħmel sens li din ma kienetx maħsuba fil-kuntratt ta' separazzjoni. Donnhom il-konvenuti, għax il-vettura ġiet *scrapped,* nesgħu t-termini tal-kuntratt li bih intrabtu biex jixtru l-istess.

**Konsegwentement tqies li anke din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa.**

## 4. <u>Eċċezzjoni ta' ħlas u kreditu esaġerat</u>

i. Il-konvenut Azzopardi jressaq ukoll id-difiza li s-somma mitluba hija waħda esaġerata għax tmur oltre l-ftehim miktub, ukoll għax saru aktar pagamenti mill-konvenuti li ma ġewx irreġistrati.

ii. F'dan ir-rigward insibu li jixhdu kemm Carmelo Bianco[10] ukoll Conrad Pisani għas-soċjeta' konvenuta.

Senjatament **Bianco** jixhed li mitkellem minn Ivan Azzopardi biex jibda jħallas biss il-parti tiegħu tad-dovut fuq il-karozza, fehmu li ma setax isir dan minħabba li kienu daħlu għad-dejn flimkien *qua* miżżewġin. Igħid ukoll l-aħħar li tkellem mad-debituri kien fis-sena 2017.

Ukoll li ntbagħtitilhom ittra uffiċjali in kwantu għad-dovut.[11]

Ikkonferma li l-kontenut tad-dokument ippreżentat minn Conrad Pisani[12] li kien juri l-pagamenti li saru fir-rigward tal-vettura.

Spjega, li oltre dak dovut minħabba l-pagamenti mensili u l-imgħax fuq l-istess, kien hemm ukoll il-pendenzi ta' spejjeż legali, ukoll spejjeż amministrattivi bħal *demand notes* kif imposti fl-istess dokument imsemmi.

Insista li kull meta l-konvenuti ħallsu dejjem ingħataw riċevuta. Id-*debt collector* kien Conrad Pisani li skontu kull meta kien jirċievi l-pagamenti kien joħroġ id-debita riċevuta. Igħid li ġieli rċeva l-pagamenti hu stess. Insista li l-pagamenti ma kienx jirċiviehom ħaddieħor ħlief hu jew Pisani. Pero' qabel li Pisani kien jaħdem miegħu biss fuq bażi part-time.

[10] Folio 20 u 62a
[11] Folio 15 datata Novembru, 2018.
[12] Folio 24

**Conrad Pisani**[13] spjega xogħolu ta' debt collector ma' Bianco, speċjalment fejn si tratta ta' bejgħ ta' vetturi. Jispjega li l-konjuġi konvenuti kellhom jagħmlu pagamenti fuq medda ta' 96 xahar, pero' affettwaw biss disgħa minnhom.

Ippreżenta l-istatement tal-pagamenti ġia riferut, Dok CP.

Da parti tal-konvenuta **Daniela Camilleri**[14] tgħid ukoll li hi jew żewġha kienu jaffettwaw pagamenti pero' qatt ma ngħataw riċevuti ta' hekk. Tgħid li kienet ir-raġuni għala ma baqgħux iħallsu.

Tixhed ukoll fuq cheque għal ammont ta' €2500 li nħareg mill-insurance Gasan and Mamo, u li għadda direttament għand is-soċjeta' attriċi. Ammetiet ukoll, bħal żewġha, li qatt ma żammet rendikont tal-pagamenti.

Tixhed ukoll li l-pagamenti waqfu qabel is-separazzjoni.

Ikkunsidrat:

iii. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tislet il-vertenzi li nqalgħu f'din il-kwistjoni.

Kif ingħad il-konvenut Azzopardi jeċċepixxi li l-ammont reklamat huwa esaġerat u dan għax jinsisti li saru ħlasijiet mensili iżjed minn dawk reġistrati fuq dok CP.

---

[13] Folio 22
[14] Folio 75a

Huwa miżmum illi minn jallega jrid jipprova.

Il-konvenuti t-tnejn jinsistu li ġew effetwati aktar pagamenti u li qatt ma ngħataw irċevuti. Fil-fatt Daniela Camilleri tgħid li l-pagamenti waqfu proprju għaliex ma kienux qed jingħataw riċevuti.

F'dan ir-rigward lanqas mhu ċar għal Qorti jekk il-pagamenti kienux dejjem riċevuti minn Bianco u Pisani ġialadarba rriżulta li Pisani kien biss ikun preżenti għal ħinijiet limitati stante li kien jaħdem mas-soċjeta' attriċi fuq bażi part time. Dan jingħad għax il-konvenuti jagħtu ħjiel li kien hemm terza persuna nvoluta f'hekk.

Pero' jibqa' l-fatt u hu punt kardinali, illi anke jekk il-konvenuti għandhom raġun li ma ngħataw qatt riċevuta, setgħu dejjem minflok iwaqqfu l-pagamenti dovuti, jiddepożitaw il-flejjes taħt l-Awtorita' tal-Qorti.

Oltre hekk, Camilleri tinsiti li huma taw lis-soċjeta attriċi s-somma ta' €2500, anzi tħallset direttament lilhom mill-insurance Gasan and Mamo. Dan huwa plawsibbli stante li ġie mitqal li l-vettura kellha u għaddiet minn inċident, (u minn hemm fil-verita' twaqqfu l-pagamenti). **Pero' lanqas ta' dan ma nġabet prova**.

Kien u jibqa' inkombenti fuq il-konvenuti li jressqu provi ta' kull pagament effettwat. Fil-fatt anke jekk dawn juru ċerta rilass fil-konfront tal-maniġġi ta' ġidhom, ma jnaqqas xejn mill-obbligu tagħhom li jwasslu sal-grad rikjest tal-prova.

**Għalhekk id-difiza marbuta mal-ammont esaġerat minn dan il-lat hija skarsa.**

iv. Pero', minn naħa l-oħra anke l-attriċi tfalli fil-prova għall-ammont kollu minnha mitlub.

Sa fejn hi titlob il-ħlas tar-rati mensili dovuti fuq il-vettura u l-imgħaxijiet inkorsi huwa dritt tagħha naxxenti mill-ftehim.

Pero' sa fejn, *gratis et amoris*, bla ma tagħti spjega dettaljata żżid ammont sostanzjali ta' eluf li ssejjaħ spejjeż amministrattivi tiżloq fin-nixef. Dawn l-ispejjeż apparti li esaġerati u ma ġewx spjegati u aktar pruvati, għandhom xamma ta' impożizzjoni oltre fuq l-imgħax ġia' impost. Allura mhux se jiġu kkunsidrati fit-talba.

Oltre hekk l-ispejjeż legali huma mposti mill-Qorti u skont taxxa determinata mhux kif taħseb u tpinġi s-soċjeta' attriċi.

Konsegwentement, kif sew ippuntwaliżżat id-difiza, l-ammont li hu dovut huwa dak tad-debitu prinċipali u l-imgħaxijiet inkorsi li der resto jirrifletti sew dak li xehed Conrad Pisani.

**Konsegwentement, taqta' u tiddeċiedi billi fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa, tilqa' limitatament dik marbuta mal-ammont esaġerat kif ġej u tilqa' t-talbiet kif se jingħad:**

**Tiddikjara illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tmint elef, ħames mija disgħa u sebgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu, (€8,579.62), l-ammont tal-pagamenti mensili dovuti u l-interessi fuqhom skont Dok CP rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' vettura Skoda Favorit bin-numru ta' reġistrazzjoni EBB272 mibjugħa u kkunsenjata lill-konvenuti;**

**Tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef, ħames mija, disgħa u sebgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu, (€8,579.62);**

**Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 190/18 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1818/18.**

**Bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza għall-konvenuti.**

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ**